**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Magistrate Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 30 ta' April 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 25/2019BS**

**AA**

**vs**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AA illi ppremetta:**

1. Illi l-partijiet izzewgu lil xulxin fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disa' (2009) u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru mija u tlieta u disghin tal-elfejn u disa' (193/2009) u li kopja tac-certifikat taz-zwieg qed tigi annessa bhala Dokument 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied CC u DD illi it-tnejn huma minorenni u li twieldu fil-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fl- ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) rispettivament;

3. Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' snin. Difatti huma bdew il-proceduri ta' separazzjoni ferm aktar minn erba' snin ilu u r-rikors guramentat ghas-separazzjoni fl-ismijiet 'BB vs AA' jgib in-numru sittax tas-sena elfejn u hmistax (60/2015). Dan ir-rikors

guramentat ghas-separazzjoni gie prezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015);

4. Illi ghaddew aktar minn erba' (4) snin minn meta l-intimata BB intavolat ir-rikors guramentat ghas-separazzjoni hawn fuq imsemmi.

5. Illi permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-partijiet isseparaw minn xulxin u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti u qasmu dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tigi annessa bhala Dokument B;

6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet peress li minbarra li ilhom aktar minn erbgha snin mifruda, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin kif ukoll kuntratt ta' separazzjoni bejniethom;

7. Illi l-esponenti jixtieq li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1) Tippronunjza d-divorzju bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta guramentata ta' BB illi eccepiet:**

1. Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, l-intimata taghmel riferenza ghall-kawza ta` separazzjoni li hemm pendenti bejn il-partijiet quddiem din l-istess Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, bin-numru 16/15 BS, liema kawza ghadha pendenti senjatament fuq dak li ghandu x'jaqsam ma` kura u kustodja, manteniment u access tal-ulied minuri tal-partijiet CC u DD. Il-partijiet kienu waslu ghal

ftehim bonarju ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm ezistenti bejniethom, u ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-obbligi reciproci taghhom lejn xulxin, liema att fuq dawk l-aspetti tas-separazzjoni gie ffirmat quddiem in-Nutar Enzo Refalo fil-21 ta` Marzu 2018 wara d-debita awtorizzazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-partijiet ghandhom opinjonijiet ferm divergenti fuq il-punti ta` kura u kustodja, manteniment u access, u kien ghalhekk illi l-kawza kellha tibqa` ghaddejja fuqhom, halli fejn ma hemmx qbil bejn il-partijiet, tkun issa l-Qorti li tiddeciedi. Ghar-rigward ta` manteniment, l-attur AA ma ghandu l-ebda inklinazzjoni illi jqarreb l-ammont mitlub mill-intimata BB, u bhalissa, qieghed jithallas manteniment minnu, fuq bazi *pendente lite*, li kien gie maqbul provizorjament fil-bidu tal-proceduri fl-2015, igifieri aktar minn hames snin ilu, u meta t-tfal kienu ferm izghar, u c-cirkostanzi kienu ferm differenti. Di piu`, l-attur rarament ihallas ghal spejjez straordinarji tat-tfal, anke meta mitlub, u gieli anke kien hemm bzonn l-intervent ta` din l-Onorabbli Qorti biex l-intimata BB gabret il-flus minghandu. Ghalhekk, ma jistax jinghad illi t-tfal qeghdin jircievu manteniment adekwat ai termini tal-Artikolu 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, ghalhiex l-intimata qieghda attivament titlob manteniment oghla, u ghad ma hemmx decizjoni ta` din il-Qorti li hija finali ghar-rigward tal-manteniment.

3. Illi gialadarba hemm il-kawza ta` separazzjoni ghaddejja, l-intimata BB qieghda bir-rispett, ai termini tal-Artikolu 66F (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, titlob illi dan ir-rikors jigi mismugh konguntivament flimkien mar-rikors guramentat numru 16/15 BS, sabiex il-kawzi jigu konnessi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-intimata BB, filwaqt illi ma ghandhiex oggezzjoni ghall-pronunzjament tad-divorzju bejnha u bejn AA, u dan anke ghaliex ma hemm l-ebda possibilita` ta` rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, qieghda toggezzjona illi d-divorzju jigi pronunzjat ghal issa, u cioe` qabel ma tigi deciza l-kawza pendenti bejn il-partijiet fuq citata, u dan ghaliex ghad baqa`

punti u aspetti importanti u krucjali hafna x'jigu decizi ghal dak li jirrigwarda l-ulied minuri tal-partijiet. Ghalhekk, huwa importanti li l-ewwel jigi deciz kollox b'tali mod illi l-kriterji tal-Artikolu 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta jigu sodisfatti, u li l-ulied minuri tal-partijiet ikunu protetti minn kull aspett, qabel jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet. Il-pakkett tas-separazzjoni huwa l-boghod milli jkun maghluq kompletament fejn jidhlu l-partijiet.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ghal dak li jirrigwarda spejjez, l-intimata tixtieq tissottometti illi din il-procedura hija qieghda taraha bhala wahda illi ma kienx hemm lok li ssir issa f' dan il-mument, specjalment meta ghad hemm punti importanti hafna x'jigu decizi fil-kawza tas-separazzjoni li hemm pendenti bejn il-partijiet. Apparti dan, minhabba l-fatt illi t-tfal kibru u li l-manteniment qatt ma gie rivedut, u minhabba l-fatt illi l-ispejjez taghhom kibru ferm, u ghalhekk hemm talba ghal manteniment oghla quddiem din il-Qorti, l-intimata BB ghandha piz finanzjarju qawwi bhalissa biex tkun tista` tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja. Ghalhekk, hija tissottometti illi ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta` dawn il-proceduri.

6. Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' April 2021 il-partijiet qablu li l-Qorti tista` tghaddi ghall-pronunzjament taghha. Il-konvenuta ddikjarat ukoll illi hija qieghda taqbel illi jigi ppronunzjat id-divorzju bejnha u bejn l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet irregolaw l-obbligi reciproci ta' bejniethom bis-sahha ta' kuntratt tal-21 ta' Marzu 2018 fl-atti tan-Nutar

Enzo Refalo. Bil-fatt wahdu illi ghad hemm pendenti quddiem din il-Qorti proceduri li jirrigwardaw il-kura u l-kustodja u l-access ghat-tfal dan m'ghandux ikun ta' impediment sabiex il-Qorti taghti l-pronunzjament taghha ghar-rigward id-divorzju bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom ferm aktar minn erba' snin separati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw. Lanqas ma tezisti l-ebda pendenza dwar hlasijiet dovuti lil xulxin. Ghalhekk jirrizultaw soddisfatti l-kundizzjonijiet mehtiega mil-ligi sabiex il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**Decide.**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez ta' dan il-procediment.

Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

Dorianne Cordina
Deputat Registratur